# Il-Kontijiet ta' Kull Tliet Xhur tal-Gvern Ġenerali: K2/2024

NR 195/2024 Data tal-Ħruġ: 22 ta' Ottubru 2024

*Fit-tieni kwart tal-2024, il-Gvern Ġenerali rreġistra surplus ta' €55.2 miljun.*



**Il-kontijiet mhux finanzjarji ta' kull tliet xhur (t/t-4)**

Bejn April u Ġunju 2024, id-dħul sħiħ kien ta' €1,984.6 miljun, li huwa żieda ta' €233.7 miljun meta mqabbel mal-istess żmien fl-2023. Dan kien ġej l-aktar minn żidiet fit-Taxxi kurrenti fuq id-dħul u l-ġid (€82.4 miljun), fit-Taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjoni (€65.0 miljun), fit-Trasferimenti ta' kapital riċevibbli (€29.6 miljun) u fl-Output tas-suq (€29.4 miljun). Mill-banda l-oħra, kien hemm tnaqqis fit-Trasferimenti kurrenti riċevibbli (€2.5 miljuni) (Tabella nru 2).

Fl-istess żmien, in-nefqa sħiħa ammontat għall-€1,929.4 miljun, żieda ta' €160.8 miljun fuq l-istess perjodu fl-2023. L-akbar żidiet kienu rreġistrati fit-Trasferimenti kurrenti pagabbli (€140.5 miljun), fil-Benefiċċji soċjali u trasferimenti soċjali mhux monetarji (€42.5 miljun), fil-Kumpens lill-impjegati (€31.7 miljun) u fil-Konsum intermedju (€17.4-il miljun). Minn-naħa l-oħra, kienu rreġistrati tnaqqisiet fis-Sussidju pagabbli (€75.7 miljun) u fil-Formazzjoni ta' kapital gross (€14.4-il miljun) (Tabella nru 3).

Saru aġġustamenti lid-data tal-Fond Konsolidat tal-Gvern sabiex din tinqaleb għal sistema ta' kontabilità bbażata fuq id-dovuti (accruals) u b'hekk tkun taqbel mal-ħtiġijiet tal-ESA 2010. Fit-tieni kwart tal-2024, dawn l-aġġustamenti ġabu tnaqqis ta' €186.6 miljun fid-defiċit tal-Fond Konsolidat, li kien ta' €131.4 miljun (Tabella nru 4).

## Ċart nru 1. Id-dħul u n-nefqa tal-Gvern Ġenerali

f'miljuni tal-ewro




**Il-Kontijiet Finanzjarji ta' Kull Tliet Xhur (t/t-1)**

B'rabta mat-tranżazzjonijiet finanzjarji tal-assi, fit-tieni kwart tal-2024 kienu rreġistrati żidiet fil-Munita u d-depożiti (€393.2 miljun), f'Kontijiet oħra riċevibbli (€113.6-il miljun), fit-Titoli ta' dejn b'terminu qasir (€54.9 miljun) u fl-Ishma ta' fondi ta' investimenti (€41.0 miljun) (Tabella nru 7).

Meta jitqiesu t-tranżazzjonijiet finanzjarji f'obbligazzjonijiet, l-akbar żieda kienet irreġistrata f'Kontijiet oħra pagabbli (€440.3 miljun) u fit-Titoli ta' dejn b'terminu qasir (€93.2 miljun). B'kuntrast ma' dan, kien irreġistrat tnaqqis fit-Titoli ta' dejn b'terminu twil (€16.2-il miljun) (Tabella nru 8).

**Id-Dejn ta' Kull Tliet Xhur (t/t-4)**

Fl-aħħar ta' Ġunju, id-Dejn tal-Gvern Ġenerali kien ta' €10,084.0 miljun, jew 46.7 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross (PDG)[1]. Din hija żieda ta' €912.0-il miljun fuq l-istess trimestru tal-2023, li kienet ġejja l-aktar mid-Dejn tal-Gvern Ċentrali li kien jammonta għal €10,082.2 miljun. Il-Munita u d-Depożiti laħqu l-€433.0 miljun, li huma tnaqqis ta' €22.0 miljun meta mqabblin ma' Ġunju 2023. Dan jinkludi l-muniti tal-ewro maħruġa f'isem it-Teżor, li huma meqjusa bħala piż għall-Gvern Ċentrali, u l-iStokk 62+ ta' Tifdil tal-Gvern li kienu jġibu t-€328.7 miljun. It-Titoli ta' dejn b'terminu twil żdiedu b'€1,052.7 miljun, filwaqt li t-Titoli ta' dejn b'terminu qasir naqsu b'€215.8-il miljun, rispettivament. Barra minn hekk, is-self b'terminu twil żdied b'€97.5 miljun. Id-dejn tal-Gvern lokali kien ta' €1.8 miljun (Tabella nru 11).

Fl-aħħar ta' Ġunju 2024, id-dejn garantit mill-Gvern Ġenerali ammonta għal €1,046.1 miljun, li huwa daqs 4.8 fil-mija tal-PDG[1]. B'hekk, kien hemm tnaqqis ta' €118.1-il miljun meta mqabbel mat-tieni kwart tal-2023 (Tabella nru 11).

[1] Maħdum fuq is-somma tal-PDG ta' kull tliet xhur għall-aħħar erba' kwarti.

## Ċart nru 2. Id-dejn tal-Gvern Ġenerali

f'miljuni tal-ewro

